**22. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u tal-Ambjent l-Onor. George Vella jipproponi:**

Wara li rat l-Ordni Permanenti 120B, tiddeċiedi li taħtar Kumitat Permanenti sabiex jikkonsidra abbozzi ta' liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem l-istess Kumitat jew lilu riferut mill-Kamra.

Il-Kamra tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu f'dan il-Kumitat Permanenti u li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni jkun ta' 7, dan li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern inkluż il-President tal-istess Kumitat u 3 minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Kamra tinnomina bħala President li għandu jippresjedi l-istess Kumitat Permanenti, lill-Onorevoli Anħlu Farrugia, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skont kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3).

09.12.96